MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

# Laqgħa Numru 43 – 3 Kumitat

**Il-Ħamis 07 ta' Jannar, 2021**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar uża żewġ modi għal din il-laqgħa li saret fil-5.30 pm – b'mod formali fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |

PREŻENTI ONLAJN:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Galea |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 43.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

43.1.1 Il-President ippreżenta apoloġija mis-Sindku tas-Siġġiewi fejn talab li se jkun qed jasal ftit tard minħabba li kellu impenn ieħor ftit tal-ħin qabel.

43.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

43.2.1 Il-President ressaq il-minuti tat-tnejn u erbgħin (42) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

43.2.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur David Michael Schembri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 43.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Kompetizzjonijiet tal-Milied**

43.3.1 Il-President radd il-ħajr lil dawk il-Kunsilli Lokali li fuq inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali għamlu kompetizzjonijet tal-Milied fil-lokalità tagħhom. Dawn il-kompetizzjonijiet kienu intiżi biex jgħollu l-moral tar-residenti fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha minħabba l-Covid u għal dan il-għan ir-Reġjun se jkun qed jagħti għajnuna finanzjarja. Hu rringrazzja lis-Sindki ta' Ħal Safi, iż-Żurrieq, il-Gudja u Birżebbuġa tal-istedina li għamlulu biex jippreżenta l-apprezzamenti lill-parteċipanti u qal li kien impressjonat bl-entużjażmu u l-parteċipazzjoni li wrew ir-residenti fil-lokalitajiet li żar.

**- Restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv**

43.3.2 Il-President ħabbar li aktar kmieni din il-ġimgħa beda x-xogħol fuq ir-restawr tal-faċċata u hu mistenni li jieħu madwar tmintax-il ġimgħa. Se nkunu qed naraw li jsir xogħol ta' livell għoli kif jixraq lil din il-binja storika u lill-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

**- Kuntratt għall-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq**

43.3.3 Il-President ħabbar li issa l-proċess ġie konkluż u l-kuntratt għall-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq ġie ffirmat. Il-kuntrattur magħżul beda jopera skont il-kriterji marbuta mal-kuntratt il-ġdid mid-data tal-iffirmar tal-ftehim.

**- Proġett ta' restawr, manutenzjoni u estensjoni tal-bini amministrattiv tar-Reġjun**

43.3.4 Il-President informa li wara li r-Reġjun irċieva r-rapport tas-survey li sar fuq il-binja antika tal-uffiċċju amministrattiv, dan ġie mgħoddi lill-perit tar-Reġjun għall-evalwazzjoni. Ġiet imsejħa laqgħa mal-perit tar-Reġjun fejn ġew diskussi x-xogħlijiet li hemm bżonn isir biex jissewwew il-ħsarat u jsir ir-restawr meħtieġ. Ġew diskussi wkoll il-ħtiġijiet tar-Reġjun u x'hemm bżonn isir biex il-Kunsill Reġjonali jkun jista' jaqdi l-funzjonijiet ġodda tiegħu inkluż dawk li jagħti għajnuna u servizzi professjonali lill-Kunsilli Lokali permezz ta' ingaġġ ta' uffiċjali professjonali. Se jkun hemm bżonn li jinbidlu u jitbaxxew żewġ soqfa, jinbidel xi madum, jiġi restawrat it-taraġ antik tal-franka u l-entratura prinċipali, issir estensjoni tal-lift, kif ukoll jinbnew uffiċini ġodda u store fis-sular ta' fuq. Il-perit se jkun qed jaħdem fuq il-pjanti għal dan il-proġett li imbagħad se jerġgħu jiġu diskussi fil-laqgħat tar-Reġjun.

43.3.5 **- Art for All 2021**

Il-President ħabbar li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq biss identifika student biex jipparteċipa f'dan il-proġett. Għaldaqstant qed isiru kuntatti min-naħa tar-Reġjun mal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u ma' numru ta' social workers biex jidentifikaw studenti huma ħalli dan il-proġett ikun jista' jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

43.3.6 **- Tilqima Kontra l-Covid lil Membri tal-istaff u Membri tal-Kunsill**

Il-President qal li fiċ-ċirkostanzi li jinsab fihom il-pajjiż, hu jipproponi li titressaq proposta biex kemm il-Presidenti, is-Sindki u l-Kunsilliera, kif ukoll l-istaff li jaħdem mal-Kunsilli Reġjonali u Lokali jingħataw l-opportunità li jitlaqqmu kontra l-Covid mal-lista tal-frontliners għax huma jaħdmu f'kuntatt kontinwu mal-pubbliku. Qegħdin nesperjenzaw sitwazzjonijiet fejn ikollhom jingħalqu xi uffiċċji amministrattivi filwaqt li diġà ġarrabna telfa ta' Sindku. Għaldaqstant il-President talab għal qbil bejn il-Membri biex il-Kunsill Reġjonali jkun jista' jwassal din it-talba.

43.3.7 Il-Membri preżenti qablu mal-President u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex iwassal din it-talba lill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħalli jkun jista' jwassal il-proposta lill-Awtoritajiet konċernati.

**-Inizjattiva Libreriji 2021**

43.3.8 Il-President ippropona l-ewwel inizjattiva marbuta ma' għajnuna finanzjarja mir-Reġjun għas-sena 2021. Hu ppropona li jekk jaqblu l-Membri preżenti, fil-jiem li ġejjin, ir-Reġjun joħroġ inizjattiva b'għajnuna finanzjarja ta' ħames mitt ewro lil kull Kunsill Lokali fi ħdanu biex ikun jista' jixtri kotba ġodda jew jagħmel upgrade fil-libreriji tal-lokalità tiegħu.

43.3.9 Il-Membri preżenti unanimament qablu mal-proposta tal-President.

43.3.10 Is-Sindku tas-Siġġiewi daħal online fis-6.00 pm.

43.3.11 **-Festa Nar 2021**

Il-President semma' li kellu suġġeriment biex, fid-dawl taċ-ċirkostanzi u l-inċertezzi tal-pandemija, jikkonsidra li Festa Nar 2021 issir billi kull għaqda piroteknika fir-Reġjun li tkun

trid tieħu sehem, taħraq xogħolha mil-lokalità tagħha nhar l-Għid il-Kbir. Hu qal li personalment ma jaqbilx ma' dan il-kunċett għax inkella Festa Nar tkun qed titlef is-sens u l-iskop kollu li għalih inħolqot. Il-President żied jgħid li, fl-opinjoni tiegħu, l-aħjar mod hu li nistennew ħalli naraw kif se jiżvolġu l-affarijiet. Jekk naraw li s-sitwazzjoni tibda ġejja lura għan-normal, nikkunsidraw li jsir lejn Settembru.

43.3.12 Il-Membri preżenti qablu mas-suġġeriment tal-President.

## 43.4 Skeda ta' Pagamenti;

43.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/21A-1 u 01/21B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

43.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Masini Vento u ssekondata minn Dr Marija Sara Vella, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 43.5 Ingaġġ ta' Uffiċjali Professjonali mal-Kunsilli Reġjonali;

43.5.1 Il-President ressaq Ċirkulari Numru SPI/SCI/9/2020 flimkien ma' Appendiċi I li ntbagħtet lill-Kunsilli Lokali u l-Membri kollha għaldaqstant ġiet kunsidrata bħala moqrija. Hu fiehem li kif ġie diskuss fil-laqgħat Reġjonali ta' qabel, il-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali se jkunu qed jieħdu direzzjoni aktar speċifika li tiffoka l-aktar fuq servizzi u għajnuna professjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdanhom. Għal dan il-għan, se jkunu qed jiġu mitluba jingaġġaw numru ta' esperti u professjonisti biex joffru dan is-servizz f'oqsma differenti. L-appendiċi ma' din iċ-ċirkulari tagħti linja gwida lill-Kunsilli Reġjonali fuq dawk l-oqsma li jistgħu jkunu l-aktar benefiċjali għall-Kunsilli Lokali filwaqt li telenka numru ta' responsabbiltajiet li għandu jkollhom dawn l-esperti. Kull Reġjun għandu jibgħat jinforma lid-Dipartiment bin-numru

ta’ esperti li se jkun qed jingaġġa, fuq liema oqsma se jkunu qed jaħdmu u b’liema mod se jkunu qed jaħdmu mar-Reġjun sa mhux aktar tard mis-26 ta’ Jannar 2021. Il-President qal li din id-diskussjoni għandha ssir f’laqgħa oħra speċifikament għaliha għax jeħtieġ li jiġu diskussi numru ta’ punti f’aktar dettall. Din se tkun qed iġġorr piż finanzjarju sostanzjali fuq il-Kunsill Reġjonali. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali se tkun qed toħroġ skema ta’ għajnuna finanzjarja biex tgħin lir-Reġjun ikopri l-ispejjeż imma, sabiex ir-Reġjun ikun jista’ jżomm lil dawn il-professjonisti jaħdmu miegħu, din l-għajnuna jeħtieġ li tiġi offruta kull sena. Hu ppropona li jsir sottokumitat biex jiddiskuti l-kriterji u l-ħtiġijiet tal-Kunsill Reġjonali. Wara li jevalwa l-punti kollha, jilħaq qbil fuq l-esperti li se jkollu bżonn ir-Reġjun u mbagħad iressaq id-deċiżjoni għall-approvazzjoni tal-kumplament tal-Membri.

43.5.2 Il-Membri preżenti qablu mal-President u ddeċidew li jiffurmaw sottokumitat permezz ta’ dawn il-persuni: Jesmond Aquilina, David Michael Schembri, Johan Mula, Marija Sara Vella u Philip Carabott. Is-sottokumitat se jiltaqa’ fit-22 ta’ Frar u eżattament wara se jiltaqgħu l-Membri kollha tal-Kunsill Reġjonali.

## 43.6 Kuntratt għal Servizz ta’ Accounting u Bookkeeping mal-Kunsill Reġjonali;

43.6.1 Il-President informa li wara l-aħħar laqgħa intbagħtu numru ta’ talbiet għal kwotazzjonijiet biex jiġi offrut dan is-servizz lill-Kunsill Reġjonali kif kien miftiehem. Hu ressaq quddiem il-Membri preżenti l-ittra li nbagħtet lil numru ta’ persuni u kumpaniji li joffru s-servizz. Tliet offerenti biss ħadu interess u bagħtu l-offerta tagħhom. Dawn intbagħtu minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

43.6.2 Il-Membri preżenti iddeċidew li tiġi magħżula l-offerta bl-aktar prezz kosteffettiv li kienet dik ta’ Sa Marisa Ciappara. Huma talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiltaqa’ u jiddiskuti aktar fid-dettall ix-xogħol mitlub mal-persuna magħżula u, jekk taċċetta, jiġi ffirmat kuntratt ta’ sentejn bil-possibiltà li jista’ jiġġedded kull sena sa massimu ta’ erba’ snin. Għandhom jiġu infurmati bid-deċiżjoni wkoll dawk li bagħtu l-offerta tagħhom u ma ntgħażlitx.

**43.7 Estimi Annwali;**

43.7.1 Il-President ressaq abbozz tal-estimi finanzjarji għas-sena 2021 li ntbagħat minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega tad-dħul li hu mistenni matul is-sena u kif se jkun ippjanat li jiġi utilizzat. Hu sejjaħ għal qbil bejn il-Membri biex fil-laqgħa li jmiss jiġi ppreżentat il-budget uffiċjali għall-approvazzjoni.

43.7.2 Il-Membri preżenti unanimament qablu mal-abbozz tal-estimi finanzjarji.

**43.8 Aġġornament fuq is-Sejħa ta' Interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031;**

43.8.1 Il-President informa li matul il-jiem li għaddew, hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Qormi fejn aċċettaw li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jitfa' l-applikazzjoni tiegħu għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 f'isem il-Belt ta' Ħal Qormi li hi l-akbar belt fir-Reġjun. Hu saħaq li għalkemm se tissemma' Ħal Qormi, l-applikazzjoni għandu jkun inkluż ir-Reġjun kollu u joħroġ l-element kulturali fil-lokalitajiet kollha tar-Reġjun tan-Nofsinhar. Il-President ħabbar li r-Reġjun għamel kuntatt mal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta li se tkun qed tmexxi dan il-proċess u ġejna infurmati mis-CEO li matul dawn il-ġranet kull Reġjun se jkun qed jirċievi formola biex permezz tagħha jissottometti l-applikazzjoni tiegħu.

**43.9 Aġġornament fuq 'Kwarta Tajba';**

43.9.1 Il-President ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni mill-konsulenti assenjati mir-Reġjun dwar il-lokalitajiet li wrew interess biex jospitaw 'Kwarta Tajba' fil-lokalità tagħhom. Ir-rapport ġie ċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Il-President ippropona li tintagħżel dik il-lokalità li ġabet l-akbar ammont ta' marki fir-rapport tal-evalwazzjoni tal-konsulenti li f'dan il-każ hi l-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ.

43.9.2 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-konsulenti u qablu mal-proposta tal-President. Għaldaqstant ittieħdet id-deċiżjoni li l-attività 'Kwarta Tajba' ssir f'Ħaż-Żebbuġ.

## 43.10 Performance Bonus;

43.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-performance appraisal tal-istaff amministrattiv quddiem il-Membri preżenti. Hu qal li kull membru tal-istaff mhux biss wettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu bl-aqwa mod possibbli imma anke għamel aktar milli mistenni billi wettaq b'mod impekkabbli xogħol oltre fosthom dak ta' upgrade tas-sistema tal-arkivji tal-Kunsill Reġjonali kif ukoll tat-Tribunal Lokali. Għaldaqstant hu ppropona li jingħataw il-massimu tal-performance bonus. Is-Segretarju Eżekuttiv talab ukoll li jtella' notch fis-salarju lill-istaff skont il-progressjoni li jmisshom u kif jindika l-ftehim kollettiv li għandhom fis-seħħ.

43.10.2 Il-Membri preżenti approvaw unanimament li l-istaff jingħata l-massimu tal-performance bonus u li jitilgħu notch skont il-progressjoni u l-ftehim kollettiv.

43.10.3 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv joħroġ mill-kamra. Hu ressaq il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u ddiskuta l-prestazzjoni tiegħu mal-Membri preżenti.

43.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jerġa' jidħol u ġie infurmat li se jingħata l-massimu tal-performance bonus.

43.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-President u lill-Membri preżenti tal-fiduċja li wrew fih u fil kumplament tal-istaff u wiegħed li flimkien mat-tim kollu se jkomplu jaħdmu biex il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jibqa' jagħti servizz tal-aqwa livell lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

## 43.11 Affarijiet oħra;

**- Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar**

43.11.1 Il-President ħabbar li hekk kif fl-aħħar laqgħa reġjonali l-Membri reġgħu nnominaw lis-Sa Dulcie Gauci biex tokkupa l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, ir-Reġjun ressaq l-applikazzjoni bit-talba tar-Reġjun lid-Dipartiment. Id-Dipartiment min-naħa tiegħu ma sabx oġġezzjoni u ħatar lis-Sa Dulcie Gauci bħala d-Deputat Segretarju tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar b'effett mit-03ta' Diċembru 2020.

**-Tribunal Lokali**

43.11.2 Il-President irrefera għall-ittra li ntbagħtet lill-Ministri u s-Segretarji Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi; il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza; u l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Dawn il-Ministeri kollha jikkonċernaw it-Tribunal Lokali u l-Kunsill Reġjonali talab biex dan jinqata' mill-bini amministrattiv tiegħu. L-ittra uffiċjali ntbagħtet fis-27 ta' Novembru 2020 imma sal-ġurnata tal-lum għadna ma rċevejna l-ebda risposta minn ebda Ministru jew Segretarju Permanenti minnhom. Il-President ippreżenta kopja tal-ittra li nbagħtet lil kull Membru minn qabel għalhekk ġiet ikkunsidrata bħala moqrija. Hu sostna li fil-bini amministrattiv, li bħalissa jikkonsisti biss f'erbat ikmamar, se jkollna bżonn l-ispazju biex ikun jista' jingaġġa miegħu uffiċjali professjonali kif fil-fatt ħabbar il-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali u mhux possibbli jibqgħu jsiru s-seduti tat-Tribunal Lokali. Il-President ippropona li hekk kif il-Kunsill Reġjonali jibda joffri servizz professjonali lill-Kunsilli Lokali permezz ta' uffiċjali ġodda, l-awla tat-Tribunal se tiġi konvertita f'uffiċini u s-seduti jibdew jinstemgħu fil-waiting area. In-nies kollha se jkunu qed jistennew barra u tidħol biss persuna waħda. Hekk kif jinħareġ il-permess biex isir l-iżvilupp li hemm bżonn isir fil-bini amministrattiv, is-seduti se jitwaqqfu immedjatament. Il-President żied jgħid li ma jkunx ġust li l-Kunsill Reġjonali jerfa' r-responsabbiltà u l-piż li joħroġ espressjoni ta' interess biex jinkera post alternattiv għat-Tribunal Lokali għax hu mhux talli m'għandu l-ebda dħul ġej minn dan is-servizz, imma qed joħroġ eluf ta' ewro fi spejjeż li tagħhom jitħallas parzjalment wara tliet snin. Jekk għandha toħroġ espressjoni ta' interess, din għandha toħroġ minn dik l-entità li tieħu l-flus taċ-ċitazzjonijiet. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri.

43.11.3 Il-Membri preżenti unanimament qablu mal-proposta tal-President.

**-Donazzjoni lill-Istrina minflok l-ikla tal-Milied għall-Membri**

43.11.4 Il-President ippreżenta kopja tal-prova tad-donazzjoni lill-Istrina mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Hu qal li hekk kif ġie maqbul bejn il-Membri fil-laqgħa ta' Novembru 2020, minflok ma saret l-ikla tal-Milied għall-Membri, il-Kunsill Reġjonali għamel donazzjoni lill-Istrina ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350).

**-Skema ta' għajnuna għal restawr ta' monumenti u siti storiċi**

43.11.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopja taċ-Ċirkolari Numru SPI/SCI/I/2021 mibgħuta mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy. Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun li jissodisfaw il-kriterji mitluba, jistgħu japplikaw permezz tal-Kunsill Reġjonali biex isir restawr ta' monumenti u siti storiċi fil-lokalità mid-Direttorat tar-Restawr sat-12 ta' Frar 2021.

43.11.6 **- Proġett ta' strateġija kulturali għar-Reġjun**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-proġett, li sar bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti u Culture Venture, issa qed joqrob lejn tmiemu. Wara li ntemm it-taħriġ lis-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun issa jonqos l-aħħar parti ta' dan il-proġett. Din se tkun żjara f'Reġjun jew post ieħor barra minn Malta fejn Membri tal-Kunsill Reġjonali jkunu jistgħu jaqsmu l-esperjenzi, għarfien u prattiċi dwar il-kultura lokali ma' Membri oħra ta' dan ir-Reġjun. Din se tkun qed tgħin fit-twettiq tal-istrateġija kulturali fis-snin li ġejjin. Uffiċjali minn Culture Venture identifikaw lil Evora fil-Portugall bħala l-post li għandu fatturi komuni mar-Reġjun tan-Nofsinhar u jkun il-post ideali għal dan il-għan. Diġà saret laqgħa virtwali mal-Kunsill ta' Evora u dawn urew interess li jospitaw lir-Reġjun lejn l-aħħar kwart ta' din is-sena. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jkun qed jibgħat applikazzjoni lil kull Reġjun għal dan il-proġett biex ikopri xi spejjeż tal-ivjaġġar.

## 43.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

43.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.54 pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 05 ta’ Frar 2021 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

Jesmond Aquilina

President

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv